12 ta' Diċembru, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Navarro Cutajar *versus* Emmanuela Schembri

**Elevazzjoni — Makni — Għodda — Art. 305 (d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fost l-oġġetti li huma eżenti mill-effetti tal-mandat ta' qbid il-liġi ssemmi l-makni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew għall-eżerċizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur, jew tat-tfal tiegħu.*

*Din l-eżenzjoni hija privileġġ ta' applikazzjoni eċċezzjonali, u t-tribunal għandu l-obbligu li japplikaha fis-sens letterali tagħha u b'effett restrittiv.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'mandat ta' elevazzjoni maħruġ minn dik il-Qorti fis-17 ta' Mejju 1952 fl-ismijiet "Emmanuela sive Lily Schembri vs. Vincenzo Navarro Cutajar" (li jinsab eżibit mal-kawża preżentata l-lum fl-ismijiet "Stella Navarro Cutajar vs. Emmanuele Schembri"), ġew elevati mill-poter tiegħu, fost effetti oħra, l-oġġetti ndikati fin-numri 16, 17, 26 u 30A., 31, 32, 33, u 38 sa 58 tar-riferta tal-Marixxall, li skond il-liġi ma humiex suġġetti għall-qbid, billi huma ndispensabili għall-eżerċizzju ta' l-arti u l-mestjer tiegħu: talab li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq riferit limitatament għall-effetti mobili fuq indikati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, tas-17 ta' Gunju 1952, li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob ir-revokazzjoni ta' l-elevazzjoni ta' typewriter, skrivanija, pultruna ta' l-iskrivanija, electric table lamp, xkafef għall-kampjuni, u diversi kampjunarji, u dan għal motiv imsemmi fl-art. 305 (d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi dana l-artikolu, invokat mill-attur, taħt l-ittra (d) jikkomprendi, fost il-ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu elevati, il-makni

u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew għall-eżerċizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur, jew tat-tfal tiegħu;

Illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Sciberras vs. Pace Balzan et." (Kollez. Vol. XVI, parte III, p. 39), dan l-artikolu hu eċċezzjoni għar-regola ġenerali li min ikun obligaruħu personalment huwa tenut li jadempixxi l-obligazzjonijiet tiegħu bil-beni tiegħu kollha preżenti u futuri; u għalhekk ma jistax jiġi estiż oltre l-każijiet li jinsabu fih espressi;

Illi l-attur la huwa xjenzjat u lanqas artista, u wisq impropriament ġew imsejħin strumenti l-oġġetti fuq indikati. Il-fatt li dawn l-oġġetti huma mezzi biex l-attur jikseb il-għajxien ma jistax jaqa' fl-eċċezzjoni fuq indikata, kif jirriżulta ċar mis-sentenza fuq ċitata, fejn ġiet miċħuda t-talba għar-revokazzjoni ta' l-elevazzjoni ta' żiemel u vettura, bir-rispettivi finimenti ta' karrozzier, non ostanti l-eċċezzjoni illi l-ekwità trid li jitħallew lil kull debitur il-mezzi biex jaqla' x'jiekol; liema obbjezzjoni, jingħad f'dik is-sentenza, għandha ssir lill-liġi, u mhux lill-interpreti. Il-Liġi tagħna hija differenti mill-Liġi Taljana, fejn ġew aġġunti għad-denominazzjoni "strumenti" l-kliem "gli altri oggetti necessari", u fejn għall-espressjoni "eżerċizzju tax-xjenza jew ta' l-arti" ġew aġġunti l-kliem "della professione";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fol. 15, u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-akkoljiment tat-talba tiegħu;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-liġi li fuqha l-attur impernja t-talba tiegħu teżenta mill-qbid il-makni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew għall-eżerċizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur, jew tat-tfal tiegħu (art 305 (d) Kap. 15). Bil-kelma "makna" l-liġi ntendiet, kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "Hyzler vs. Mifsud", 29 ta' Nov. 1886, u Qorti tal-Kummerċ "Dante Cartellini vs. Berger", 17 ta' Jannar 1929—Vol. XI, p. 204, u Vol. XXVII—III—431—"un congegno per mezzo del quale si può mettere in opera la forza a produrre o regolare il moto". Bil-kelma "għodda" intendiet "qualunque arnese che serve agli artefici, e col quale e per mezzo del quale si fa una cosa". Għalhekk malament l-attur irid japplika din l-eżenzjoni għat-type-

writer, skrivanija, poltruna ta' l-iskrivanija, electric table lamp, xkafef għall-kampjuni, u diversi kampjunarji, li ġew elevati, partikolarment meta wieħed iżid li hu ma hux qed jeżerċita xi xjenza, u lanqas xi arti (kelma li tagħti lok għal "artista" u "artiġjan"—Kummerċ 5 ta' Awissu 1884, "Cauchi vs. Scicluna"), għaliex "ex admissis" huwa "commission agent" (ara dikjarazzjoni tiegħu fol. 3);

Trattandosi ta' privileġġ, hu obligu tat-tribunal li japplika l-liġi fis-sens letterali, b'effett restrittiv (Appell "Cachia vs. Barbara", 21 ta' Frar 1896, Vol. XV, p. 403). Tant aktar meta wieħed iżomm quddiem għajnejh iċ-ċirkustanza li din l-interpretazzjoni restrittiva ġiet ordnata mill-istess leġislatur tal-Liġi Muniċipali (Kodiċi De Rohan, para. 24, Lib. II, Cap. III), li minnha oriġinat il-liġi attwali. Infatti, meta xi ġudikanti ta' allura bdew jestendu s-sinifikat ta' dawn il-kliem, il-Gran Mastru ħareġ il-Bandu tas-26 ta' Settembru 1787 li bih ilmenta minn din l-interpretazzjoni estensiva, u ordna li l-liġi tiġi applikata letteralment, bla estensjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, u anki b'adozzjoni tal-motivi ta' l-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

*Billi tiċħad* l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.